# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**10/19**

**Minuti tal-għaxar (10) Laqgħa b'Urġenza tad-dsatax il-sena tas-seba' (7) Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Viċi Sindku (wasal fis-7.10 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera (waslet fis-7.08 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | **-** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Aġenda:**

**1 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv**

Il-laqgħa bdiet fis-7.07 ta' filgħaxija.

Is-Sindku, s-Sur Stephen Sultana ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier is-Sur Horace J Anastasi u l-familja tiegħu u l-Kunsill talab għar-ruħ missier is-Sur Anastasi, is-Sur Salvatore Anastasi.

Is-Sur Anastasi rringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri li attendew il-quddiesa u bgħatu fjuri u lil dawk kollha li tawh l-għomor.

Il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella talab lis-Sindku biex jissosspendi l-Aġenda għall-minuta silenzju bħalha rispett lis-eks Sindku.

***1 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv***

1.1 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li rċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bid-data 13 ta' Ġunju, 2013, dwar il-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv (SE) Louise-Anne Gusman bħala s-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Huwa intalab

jagħżel Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE) peress li l-Kunsill Lokali ma jistax jiffunzjona mingħajr SE. Huwa spjega li dalwaqt ser ikun hemm sistema ta' *Pool* ġdid ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi u li l-applikazzjonijiet biex wieħed ikun f'dan il-*Pool* tagħlaq fil-5 ta' Lulju 2013. Is-Sindku qara ċ-ċirkulari dwar din is-sejħa *'Selection to Serve in the Pool of Prospective Executive Secretaries in Local Councils'* bid-data 14 ta' Ġunju 2013 (Gażetta tal-Gvern *on-line* paġni 7947-52.)

1.2 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li huwa ser jaħtar, wara l-approvazzjoni tal-Kunsill, lis-Sur Ranier Busuttil bħalha ASE li huwa SE fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra u li serva wkoll bħala SE ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku qal li s-Sur Busuttil aċċetta l-pożizzjoni u li jrid jagħti sagħtejn xogħol filgħodu u sagħtejn xogħol wara nofsinhar kuljum lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku qal li l-ASE irid jattendi il-laqgħat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kumitati tal-Finanzi, Bord tal-Aġġudikazzjoni u Bord tal-Għażla.

1.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill qiegħed jaċċetta t-trasferiment tas-Sinj Louise-Anne Gusman. Is-Sur Anastasi ssekondah.

1.4 Is-Sindku talab biex jittieħed vot biex jinħatar l-ASE is-Sur Ranier Busuttil. Is-Sinj Elizabeth Vella ssekondat. Il-vot għadda b'mod unanimu.

1.5 Is-Sur Sultana għalaq il-laqgħa b'urġenza billi rringrazzja lis-Sinj Gusman u awgurala għall-posizzjoni l-ġdida. Is-Sur Anastasi awgura lis-Sinj Gusman bħala eks-Sindku u rringrazzjaha tax-xogħol siwi li għamlet fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.6 Is-Sinj Gusman infurmat lis-Sindku u lill-Kunsillieri li dan ma kienx trasferiment imma li hija applikat għal-sejħa ta' applikazzjoni u ntgħażlet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Hija rringrazzjat lis-Sindku s-Sur Sultana, lill-Viċi Sindku, s-Sur Brimmer u lill-Eks Sindku s-Sur Anastasi u l-Kunsillieri kollha.

1.7 Il-laqgħa intemmet fis-7.21 ta' filgħaxija.

Louise-Anne Gusman
Segretarju Eżekuttiv

Stephen Sultana
Sindku

Ikkonfermati llum, 18 ta' Lulju